**133. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru tal-Intern u Ġustizzja l-Onor. Guido de Marco jipproponi:**

Illi minkejja kull dispożizzjoni oħra tal- Ordnijiet Permanenti tal- Kamra l-proċedura dwar ir-riżoluzzjoni għall-elezzjoni ta' President ta' Malta tkun reolata bil-mod li ġej:

l. Il-Kamra tista' tiltaqa' fil-għodu biex tiddiskuti r-riżoluzzjoni u f'dan il-każ il-Kamra tiltaqa' fid-9.00 a.m. u l-ħin tal-mistoqsijiet jispiċċa fid-9.30 a.m.

2. Ebda xogħol ieħor ma jiġi quddiem il-Kamra fis- Seduta li fih tidher ir-Riżoluzzjoni għall-elezzjoni tal-President, qabel is-6.30 p.m. ta' l-istess ġurnata ħlief dak u kif provdut f'din il-mozzjoni;

3. Id-diskussjoni fuq ir- riżoluzzjoni għandha tieqaf mhux aktar tard mill- 10.30 a.m. f'liema ħin għandha titqiegħed kull mistoqsija li jkun hemm bżonn biex ir-riżoluzzjoni tgħaddi għall-vot;

4. Il-ħin tad-diskussjoni għandu jinqasam ugwalment bejn in-naħa tal-Gvern u dik ta' l-Oppożizzjoni b'dan illi l-aħħar ħmistax-il minuta jkunu għan-naħa tal-Gvern;

5. Illi jekk jintalbu votazzjonijiet, l-ewwel votazzjoni għandha tittieħed wara għaxar minuti mill-ħin li fih tintalab, u l-votazzjonijiet l- oħra li jistgħu jintalbu għandhom jittieħdu immed-jatament warajha;

6. Wara l-vot tal-Kamra fuq ir-riżoluzzjoni, l-Kamra tiġi sospiża sa nofs in-nhar meta, approvata r- riżoluzzjoni, il-Kamra tirriżumi fis-Sala tal- Gran Kunsill fejn il- President Elett jieħu l- ġurament tal-kariga skond id-dispożizzjoni tal- Artikolu 50 tal-Kostituzzjoni; u

7. Wara l-President jieħu l-ġurament tal-kariga s- seduta tiġi mill-ġdid sospiża. Il-President jagħmel diskors. Is- seduta tirriżumi fil-Kamra tal-Parlament fis-6.30 p.m. biex tkompli bix-xogħol tagħha skond l- agenda.

28.03.1989

**Il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici ressaq din l-Emenda "A":**

"Ħassar il-kliem kollu wara il-kliem "Illi minkejja kull" u żid dan li ġej:

"dikjarazzjoni pubblika mill-Gvern Nazzjonalista dwar id-deċiżjoni tiegħu li jaħtar President ġdid tar-Repubblika ta' Malta, din il-Kamra tirrakkomanda li dan ma għandux iseħħ għal issa, peress li:

(a) l-persuna li qegħda taġixxi fil-kariga ta' President kienet aċċettata miż-żewġ Partiti fil-Kamra, u huwa pass lura li hija titwarrab mingħajr ma jsir sforz dwar l-għażla ta' persuna oħra aċċettata wkoll miż-żewġ Partiti;

(b) Il-Kumitat Magħżul tal-Kamra tmintax-il xahar ilu biex jissuġġerixxi emendi fil-Kostituzzjoni ħalli jissaħħu l-istituzzjonijiet u l-ħajja demokratika f'Malta iddiskuta attivament il-mod tal-ħatra ta' President, u għalkemm ma għamilx lill-Kamra rapport finali dwar il-ħidma tiegħu, fir-Rapport Preliminari tiegħu ta' Frar 1988, il-Kumitat, bil-qbil tal-Membri kollha tiegħu, inkluż, ta' Dottor Ċensu Tabone, issuġġerixxa tibdil fil-proċedura kif hija illum tal-ħatra tal-President;

Dan kollu juri li waqt li bl-ebda mod mhux ser tinħoloq sistema presidenzjali (jiġifieri li jkun hemm President li verament ikun il-kap li jiddeċiedi fl-amministrazzjoni tal-pajjiż) u li se tibqa s-sistema ta' Gvern Parlamentari, il-kariga ta' President mhux se tibqa biss waħda simbolika iżda wkoll kariga li tkun responsabbli għal parti minn dawk il-poteri li jolqtu l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini.

Għal dawn ir-raġunijiet kariga bħal din titlob li kemm jista' jkun tkun tgawdi l-appoġġ nazzjonali. Għandu jitfittex li l-persuna magħżula bħala President tar-Repubblika ikollha warajha is-saħħa morali, barra minn dik illegali. Dan jista' jintlaħaq billi din il-persuna tiġi eletta b'maġġoranza kwalifikata mill-Parlament ta' żewġ terzi. Jekk

minkejja l-isforzi li jkunu saru, din il-maġġoranza kwalifikata ma' tintlaħaqx, allura wieħed għandu jirrikorri għal elezzjoni diretta tal-poplu. F'dan il-każ, jekk fl-ewwel votazzjoni ebda wieħed mill-kandidati għall-presidenza ma jkollu l-maġġoranza assoluta (jiġifieri aktar minn nofs tal-voti validi), allura terġa' ssir elezzjoni oħra li fiha jieħdu parti biss dawk iż-żewġ kandidati li jkunu ġabu l-aktar numru ta' voti fl-ewwel elezzjo¬ni.

B'dan il-mod ikun qiegħed jiġi assigurat li l-President tar-Repubblika ġie maħtur mill-poplu jew mir-rappreżentanti maħturin mill-poplu u, kemm hu manament possibbli, bl-appogg ta' aktar minn partit politiku wieħed fil-pajjiż. Hekk biss il-President tar-Repubblika jista' jakkwista s-saħħa morali li jmexxi dawk l-istituzzjonijiet li huwa jkun qiegħed jippresjedi bħalma huma l-Kunsill tal-Istat u l-Kunsill Nazzjonali tad-Difiża (li taħtu jaqa' s-Servizz tas- Sigurta' Nazzjonali) - pilastri ġodda li qegħdin jitwaqqfu biex isaħħu r-Repubblika maltija u jħarsuha minn kull theddid fil-ġejjieni.

(c) ħatra ta' persuna għall-kariga ta' President, jekk issir f'dan il- mument u fiċ-ċirkostanzi tal-lum, tisfratta x- xogħol li l-Kumitat Magħżul tal-Kamra, diġa' laħaq għamel, u twaddab lura kull prospett li xi darba jingħata bidu għall-proċess li biħ iż-żewġ naħat politiċi fil-pajjiż ibegħdu ħwejjeġ importanti fil-ħajja ċivili u fis-sistema demokratika ta' pajjiżna 'l hinn mit-taqbida partiġġjana, kif wara kollox, iż-żewġ Partiti fil-programmi elettorali tagħhom, wegħdu lill-poplu Malti li jagħmlu kull sforz serju biex iwettqu."

L-emenda ma għaddietx.

Il-mozzjoni għaddiet fis-Seduta 220 tat-3 ta’ April 1989.